39.5 6

TALB

# GHAS-SMIH IL KUDDIES

U

GHAL KABEL U UARA

## IL KRAR

MICHTUB

GHAT-TFAL TAL ISCHEIJEL

TA MALTA.

Malta,

Stampat ghand Zefirinu Micallef it-triek ta Tiatru Nu. 6.

1875.

# TALB

# TAL KUDDIESA.

*Kabel ma tibda.*

Noffrulech, Alla tagħna, din il kuddiesa, li fiha seijer jittenna dac collu li Ibnech Gesù, bit-tbatia u bil meut tigħu, għamel għal fidua tagħna, fuk il Calvariu.

Nitolbuc tatina il grazia li nitmiegħxu mil frott ta dit-tbatia u ta din il meut għazisa, il maħfra ta dnubietna, u il ħaija tar-ruħ u ta deijem.

Nitimgħu imbagħd ucoll li bis-smiħ ta din il kuddiesa incunu nagħmlu aħna dac, li min'na trid illum il Cnisia mkadsa.

*Fil bidu.*

Fl' Isem tal Missier, u tal Iben, u tal Ispiritu Santu. Amen.

Nistkarr l' Alla li jista collox, lil Maria imkadsa deijem Virgni, lil imkaddes Michiel Arcanglu, lil imkaddes Giuanni Battista, lil Apostli imkadsa Pietru u Paulu, lil Kaddisin colla, u lilcom ucoll, aħua tigħi, li dnibt uisk bil ħsieb, bil cliem, u bil għamil, għal ħtia tigħi, għal ħtia tigħi, u għal icbar ħtia tigħi.

Għalech nitlob lil Maria imkadsa deijem Virgni, lil imkaddes Michiel Arcanglu, lil imkaddes Giuanni Battista, lil Apostli imkadsa Pietru u Paulu, lil kaddisin colla, u lilcom ucoll, aħua tigħi, li titolbu għalia lil Sidna Alla tagħna.

*Kyrie eleison.*

Sidna, icolloc ħniena min'na.
(għal tliet darbiet)

Cristu, icolloc ħniena min'na.
(għal tliet darbiet)
Sidna, icolloc ħniena min'na.
(għal tliet darbiet)

*Talba.*

Atina, Alla tagħna, għat-talb tal Virgni imkadsa, u tal Kaddisin li illum inseiħu, il grazi colla, li min ikaddes kigħed jitlob għaliħ u għalina. Msieħbin migħu nagħmlu talba ucoll għal dauc colla, li għaliom għandna nitolbu; u chif għaliom hech għalina, nitolbuc, Alla Sidna, il għainuniet colla, li Int taf aħjar liema aħna ninħtiegiu, biex naslu fil ħaija ta deijem, fl'isem ta Sidna Cristu Gesù.

*Fl' Epistola.*

Agħmel, Alla Sidna, li nagħarfu deijem aħjar il Ligi imkadsa tigħech; li nimxiu seuua bħal ma biha Inti għal-

limtna. Faccarna Int ucoll deijem f'dac collu li chienu fl'isem tigħech kalulna u ħabbrulna il Patriarchi u il Profeti għezies tigħech. Biex kalbna tingibed aħjar lein dac it-tagħlim li għallimna, mita sar Bniedem, u giè fid-digna, Ibnech innifsu.

*Fl' Evangeliu.*

Sidna Gesù Cristu, li sirt bniedem u geit fid-digna tgħallimna b'fommoc innifsu il għerf tas-sema u il-Ligi imkadsa tigħech, għamel li chliemech deijem inzommuħ ħai f'kalbna, u fuk chliemech deijem seuua nimxiu, biex imbiegħdin min coll dnub, katt ma nituarbu min dich it-triek li Int ftaħtilna, u li uħeda tista tuassalna fis-sema; li giè lilna miftuħ għac-ciarcir tad-dem imkaddes tigħech.

*Credu*

(mita jingħàd)

Nemmen f'Alla—il Missier li jista

collox, li ħalak is-sema u l'art—u f'Gesù Cristu Ibnu uieħed Sidna, li sar Bniedem bil kauua tal Ispiritu Santu, tuieled min Maria Virgni, bata, taħt Ponziu Pilatu, chien mislub, miet, u difnuħ; nizel fil limbu, mat-tieled jum kam min bein l'imuiet, tala fis-smeuiet, kagħad fil-limin t'Alla Missier tigħu li jista collox; mnein għandu jargia jigi jagħmel ħak mil ħaijìn u mil meitin.— Nemmen fl'Ispiritu Santu, il Cnisia imkadsa Cattolica, ix-xirca tal Kaddisin, il maħfra tad-dnubiet, il kauma tal imuiet, il ħaija ta deijem. Amen.

*Offerta*
*tal Hobs u tal Imbit.*

Noffrulech, Alla tagħna, dina l'Ostia imkadsa, li għanda tigi imbiddla fil gisem tal Iben tigħech magħmul bniedem, noffruielech aħna għad-dnubiet tagħna, u għad-dnubiet tal insara colla

ħaijin u meitin, biex lilna u lilom tcun ta għainuna għal ħaija ta deijem.

Noffrulech imbagħd ucoll edan l'imbit imkaddes, biex imbiddel ucol fil gisem u fid-dem ta Gesù, jitla bil fuiħa tigħu koddiemech għas-saħħa tagħna u tad-digna colla.

*Talba.*

Nitolbuc, Alla tagħna, li tkaddes bil kauua tal Isem tigħech, din l'offerta imkiegħda fuk edan l'altar imkaddes, u tagħmel li maħħa tigi minnech milkugħa ucoll l'offerta li aħna tagħna infusna nagħmlulech. U dan agħmlu imħabba Gesù Cristu Ibnech, li migħech u mal Ispiritu Santu hu Alla uieħed għal deijem ta deijem. Amen.

*Santu.*

Kaddis, Kaddis, Kaddis—Sid Alla ta colla il ħleijak, mimliin huma issema u l'art bil gloria tigħech—Im-

bierech min fl' Isem ta Sidna kalbna giè igħammar.

*Tifchira tal ħaijìn.*

Ftacar, Alla Sidna, f'dauc colla li fich jemmnu, li lilech iħobbu, u li għaliom aħna noffru edin il koddiesa, biex l'eruieħ taħħom mil ħtijet jigiu meħlusa, u biex bil għainuna tigħech jimxu deijem fuk it-triek min tas-saħħa.

*Mita tirtafa l' Ostia.*

Nemnu b' fidi kauuia, u b'kalbna colla kima natuc, Sidna Gesù, moħbi taħt edin ix-xbia tal Hobs, imbiddel fil gisem tigħech imsallab għal fidua tagħna fuk is-Salib.

*Mita jirtafa il Calici.*

Nemmnu b'xein enkas kauuia fidi, u b'kalbna colla coll kima ucoll natuc, Gesù Sidna, moħbi taħt edin ix-xbia

tal Imbid, imbiddel fil gisem u fid-dem, li Int għogboc għalina ix-xerred min fuk is-Salib.

*Tifchira tal meitin.*

Ftacar ucoll, Alla Sidna, għal dauc l'insara, li ħalleu kbilna din id-digna, muettkin bil fidi tigħech, u li għad li mzeinin bil grazia għadom fid-digna l'oħra jistenneu il mistrieħ.

Atihom Int għal ħniena tigħech u imħabba id-Dem għazis ta Ibnech Gesù, il mistrieħ li jixtieku, bid-daul u bil hena tas-sema.

*Pater.*

Missierna li Int fis-smeuiet, Icun imkaddes Ismech, Tigina saltnatech, Icun li trid Int, chif fis-sema hech fl'art.

Hobzna ta coll jum, atina illum, Afrilna dnubietna, bħal ma naħfru lil min hu ħati għalina, La iddaħħanniex fit-tigrif, izda eħlisna min deni. Amen.

*Agnus.*

Haruf Alla, li tekred dnubiet id-digna,—Henn għalina.

Haruf Alla, li tekred dnubict id-digna,—Henn għalina.

Haruf Alla, li tekred dnubiet id-digna,—Atina is-serħ.

*It-Tkarbin.*

Ir-ruħ tigħi hi xeukana li migħech tingħakad, Gesù. Inti fiha trid tigi, moħbi taħt dich ix-xbia tal ħobs. Izda ruħi ma hix seuua imħeijia biex tilkgħech. Għamel Int għalech, Sidi Gesù, li din ir-ruħ fkaira tigħi min coll tebgħa ta dnub seuua tidnaddaf. Biex mita Inti fiha tigi, tcun tista issib għamara li lilech togħgiob. U il migia tigħech f'edin ir-ruħ, iggib lila coll gid, u ir-rahan tal ħaija ta deijem.

*Talba.*

Nitolbuc, Alla Sidna, li coll ma sar

f'edin il Kuddiesa icun għalina ta gid għas-saħħa ta ruħna, u icun hech imbagħad ucoll ta gloria cbira lit-Trinità imkadza; imħabba Sidna Gesù, Ibnech, li migħech u mal Ispiritu Santu hu Alla uieħed għal deijem ta deijem. Amen.

*Uara il Kuddiesa.*

Nizzicħair, Alla Sidna, mil grazia li għamiltilna illum, li smaina din il Kuddiesa, li fiha giè imtenni dach collu li Ibnech Gesù għal fidua tagħna chien għamel fuk il Calvariu. Għamel Int li il frot li klaina kat min'na ma jigi mitluf, izda icun bidu għalina ta gid u ta hena icbar.



# TALB

## TA KABEL U UARA

# IL KRAR.

*Kabel il Krar.*

Mimli bil ħsieb tal cobor u tal cruha ta dnubieti, nitolboc, Alla tigħi, tatini il għainuna tigħech, biex nindem seuua minnom, inkerrom seuua, u nakla il maħfra tagħħom.

Għalchem dnubieti huma cbar, il ħniena tigħech hia uisk icbar: u għalech jena nitma b' kalbi colla, li Int għaliex ħlaktni, għaliex Ibnech Sidi Gesù bic-ciarcir ta demmu fdieni, trid tatini il għainuna tigħech, biex min

daun id-dnubiet ninħeles, u ruħi targia ɲadifa, bħal ma għamilta Int bil magħmudìa.

Jen naf li din il maħfra ma nistax naklaħħa min għandech, jech kalbi min coll dnub ma tcunx seuua niedma; għalech jena nitolboc, li Int tkankal fiha indiema mil icbar, għal għamili collu, li biħ migħech inkast.

Iva! nindem jen b' kalbi colla middnubiet colla li jena għamilt, li bihom regħixtech, li bihom minnech tbegħid, li bihom gbid lil ħattiħor biex migħi jidneb, u li bihom jen irtmeit taħt idein id-demoniu, u sirt ħatba tal infern.

Ixgħel, Alla tigħi, bi xrara tan-nar ta imħabbtech ir-ruħ meita tigħi, biex niedma min dnubieta colla li għamlet, targia tirtafa għal ħaija, li għalìa Int ħlakta.

Għamel Int, li meħlusa min dnubieta, u imzeina min gdid bil ħaija tas-

sema, tibka hi deijem imuarrba min dac collu li fid-dnub jista jargia igiarrafa.

Biex marbuta deijem migħech tista tigi f' uakt il meut tingħakad migħech fis-sema.

Maria, Om Alla, Om il ħniena, itlob l'Ibnech Gesù għalìa.

*Uara il Krar.*

Nizzicħair, Alla tigħi, mil għainuna li taitni, biex kerreit dnubieti; li nitma għal ħniena tigħech li kerreitom seuua, li indimt minnom seuua, u li klait min għandech il maħfra tagħħom.

Jen issa nitolboc li tiekaf ucoll migħi, biex coll ma uegħittech ma jigi katt fia niekes; biex fl'indiema tigħi katt jena ma nibred; biex inzom ruħi deijem imuarrab min coll ma jista fid-dnub jargia igiarrafni, u biex imħabttech fia ucoll tibka deijem tixgħel.

Int taf, Alla tigħi, chem jen ta ftit

ħila, u li coll ħagia ta xein tista targia fid-dnub iggiarrafni, u minnech min gdid tbegħidni. Izda Int, ja Sidi, għal ħniena cbira tigħech, għad-dem li ciarciar Ibnech għalìa, atini il kauua, uettak ir-ruħ tigħi, biex katt izied minnech ma tituarrab, u titbigħed.

Agħmel Int ucoll, li il ħaija li ir-ruħ tigħi regħħed kalgħet, m' hux biss tibka fiha, min għair katt izied ma titlifha, izda li din il ħaija deijem fiha izied ucoll toctor.

Biex hech mogħnia din ir-ruħ tigħi b' ħaija deijem icbar tas-sema, leich deijem izied tersak, migħech deijem izied tingħakad, u migħech f' laħħar tirtabad b' rabta ta deijem fil hena tas-sema.

Maria Om Alla, Om ucoll tagħna, itlob għalìa, jekaf migħi, biex fia deijem joctor il frott tat-tbatia u tal meut ta Ibnech Gesù. Amen.

---

Nihil obstat.
Die 1 Octobris 1875.
Sac. Hen. Caruana, Cens. Theol.